DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1840

tad-9 ta' Ottubru 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha

(notifikata bid-dokument C(2017) 6719)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li b'mod ġenerali jirregolaw l-ikel u l-għalf, u b'mod partikolari jirregolaw is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza meta jkun evidenti li ikel jew għalf impurtat minn pajjiż terz huwa mistenni li jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent, u li tali riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/866/KE ([2]) ġiet adottata wara tifqigħa tal-Epatite A fil-bnedmin relatata mal-konsum ta' molluski bivalvi importati mill-Perù li kienu kkontaminati mill-vajrus tal-Epatite A. Dik id-Deċiżjoni, li tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza li jissospendu l-importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inizjalment kellha tiġi applikata sal-31 ta' Marzu 2009.

(3) L-Awtorità Kompetenti Peruvjana ntalbet tipprovdi garanziji sodisfaċenti biex tassigura li n-nuqqasijiet identifikati fir-rigward tas-sistema ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tal-vajrus fil-molluski bivalvi ħajjin ġew ikkoreġuti. Sadanittant, il-miżuri ta' emerġenza kellhom jiġu estiżi sakemm ġiet ippruvata l-effettività tal-azzjonijiet korrettivi. Sal-lum, il-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ġie estiż diversi drabi, u l-aħħar darba ġie estiż sat-30 ta' Novembru 2017 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2022 ([3]).

(4) Sabiex jiġi vverifikat jekk l-aħħar garanziji mogħtija mill-awtorità kompetenti tal-Perù humiex effettivi u biżżejjed biex jitneħħew il-miżuri ta' emerġenza, ġie skedat awditu mis-Servizzi tal-Kummissjoni għal Mejju 2017. Madankollu, minħabba l-avvenimenti klimatiċi serji marbuta mal-fenomenu meteoroloġiku "el niño" li laqtu lill-Perù f'Marzu u f'April 2017, u minħabba l-impatt li dawn l-avvenimenti kellhom fuq il-produzzjoni tal-molluski bivalvi fil-Perù, l-awditu ġie pospost għal Settembru 2017.

(5) Għaldaqstant, il-limitu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/866/KE jenħtieġ jiġi emendat kif xieraq. L-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/866/KE tista' tiġi rriveduta skont ir-riżultati tal-awditu tas-Servizzi tal-Kummissjoni.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2008/866/KE, id-data "it-30 ta' Novembru 2017" tinbidel bid-data "it-30 ta' Novembru 2018".

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni 2008/866/KE tat-12 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 307, 18.11.2008, p. 9).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2022 tal-10 ta' Novembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha (ĠU L 295, 12.11.2015, p. 45).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni